**MT**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 16.12.2008
KUMM(2008) 881 finali

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport ta' implimentazzjoni għall-Programm ta' Liżbona tal-Komunità 2008 – 2010**

## 1. DAĦLA

Bħala parti mill-Istrateġija ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi, il-Kummissjoni adottat f'Diċembru 2007 Proposta għal Programm ta' Liżbona tal-Komunità 2008-2010, filwaqt li fasslet għaxar għanijiet ewlenin u azzjonijiet ta' politika korrispondenti għal azzjonijiet fl-livell Komunitarju għat-tliet snin li ġejjin. F'Marzu 2008, il-Kunsill Ewropew huwa u jqis il-prijoritajiet identifikati mill-Kunsill stieden lill-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill biex imexxu x-xogħol fuq 10 għanijiet identifikati fil-PLK fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom. L-għanijiet u l-azzjonijiet ta' prijorità identifikati fil-PLK huma bbażati fuq l-erba' oqsma ta' prijorità li dan l-aħħar ġew ikkonfermati fil-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew li l-Kummissjoni pproponiet fis-26 ta' Novembru. Għalhekk il-PLK jissokta jipprovdi tweġibiet xierqa ta' politika fid-dawl tal-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali.

Din il-Komunikazzjoni tevalwa l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Liżbona tal-Komunità 2008-2010 fl-ewwel sena taċ-ċiklu l-ġdid u tidentifika l-azzjonijiet prijoritarji li għadhom pendenti li issa għandhom jiġu indirizzati bl-ogħla prijorità biex jiġu kkomplementati l-azzjonijiet identifikati fil-PRE u mill-Istati Membri fil-programmi aġġornati tagħhom ta' riforma.

**B'mod ġenerali, sar progress sostanzjali fl-ewwel sena tal-Programm ta' Liżbona tal-Komunità u diġà nkisbu għadd ta' għanijiet ewlenin. Fost l-iktar importanti nsibu:**

- L-adozzjoni mill-PE u mill-Kunsill tal-Pakkett dwar il-Merkanzija biex jitqawwa s-suq intern u jiżdied it-tħaris tal-konsumatur.
- L-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar li jwaqqaf il-prijoritajiet xierqa ta' politika biex il-ħajja tal-SMEs tiħfif u jiżdidilhom id-dinamiżmu.
- L-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-Aġenda Soċjali Mġedda li tindirizza l-ħtieġa li jitjiebu l-opportunitajiet ta' impjieg u li tiżgura s-solidarjetà.
- L-adozzjoni tal-Kummissjoni tal-Pakkett dwar il-Bidla tal-Klima u l-Enerġija li Tiġġedded u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Konsum, Produzzjoni u Industrija Sostenibbli.
- Il-Memorandum ta' Ftehim dwar il-Kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet ta' Sorveljanza Finanzjarja, il-Banek Ċentrali u l-Ministri tal-Finanzi tal-UE dwar l-Istabbilità Finanzjarja Transkonfinali li se tikkontribwixxi biex titreġġa' lura l-kriżi finanzjarja.
- Il-Kummissjoni mexxiet ukoll 'il quddiem l-aġenda ta' regolamentazzjoni aħjar tagħha biex tnaqqas l-ispejjeż mhux meħtieġa u tneħħi l-ostakli għall-innovazzjoni.
- L-adozzjoni mill-PE u l-Kunsill tal-Kodiċi Doganali Modernizzat u d-Deċiżjoni e-Dwana biex jiġu eliminati l-karti fid-dwana u l-kummerċ.
- Ammonti sostanzjalment akbar ta' finanzjament Komunitarju saru disponibbli għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi permezz ta' Politika ta' Koeżjoni.

**Dan lesta s-sisien biex l-attenzjoni tinxteħet lejn l-implimentazzjoni li hija kruċjali biex jinkiseb impatt sostanzjali u pożittiv mal-Komunità kollha. Dan id-dokument jipprovdi evalwazzjoni fid-dettall ta' dak li nkiseb u l-azzjonijiet prijoritarji pendenti taħt kull għan.**

## 2. PROGRESS DWAR L-10 GĦANIJIET EWLENIN TAL-PLK 2008-2010

### 2.1. L-investiment fin-nies u l-immodernizzar tas-swieq tax-xogħol

**Għan Nru 1: Il-Kummissjoni se tipproponi Aġenda Soċjali mġedda sa nofs l-2008, li tkopri b'mod partikolari l-edukazzjoni, il-migrazzjoni u l-evoluzzjonijiet demografiċi, u se tgħin biex tindirizza l-vojt fil-ħiliet billi ttejjeb is-sorveljanza u t-tbassir tal-ħtiġijiet ta' ħiliet għall-ġejjieni.**

Il-Kummissjoni adottat f'Lulju 2008 l-Aġenda Soċjali mġedda. Bl-immodernizzar tas-swieq tax-xogħol u tas-sistemi ta' ħarsien soċjali, l-aġenda soċjali se tgħin lin-nies jaħtfu l-opportunitajiet maħluqa mill-kompetizzjoni internazzjonali, l-avvanz teknoloġiku u mudelli demografiċi li jinbidlu filwaqt li jiġu mħarsa dawk li fis-soċjetà huma l-aktar esposti. Hija issa prijorità għall-Kunsill u l-Parlament Ewropew li jadottaw **il-proposti fl-Aġenda Soċjali** biex itejbu l-opportunitajiet ta' impjieg u l-aċċess għas-servizzi ta' kwalità u jiżguraw is-solidarjetà. B'mod partikolari, bl-inizjattiva "Ħiliet ġodda għal impjiegi ġodda", il-Komunità tħaffef l-isforzi tagħha biex tevalwa l-ħtiġijiet ta' ħiliet emerġenti, iġġib 'il quddiem id-djalogu bejn l-atturi kollha involuti, ittejjeb is-servizzi ta' tfittix ta' impjieg mal-UE kollha u ġġib 'il quddiem l-iżvilupp tal-ħiliet. L-iżvilupp tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja se jkollhom l-appoġġ ta' "qafas strateġiku aġġornat għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ" u miżuri speċifiċi biex jingiebu 'l quddiem **il-kwalità u l-mobilità fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.** Fl-2008 tnieda eżerċizzju dwar il-ġejjieni għal 16-il settur inklużi t-tessuti, l-elettronika u s-servizzi finanzjarji u dan se jkun estiż għall-qasam tat-teknologija ambjentali u tal-enerġija. Jeħtieġu aktar sforzi fuq bażi ta' prijorità biex **jiġu indirizzati l-ostakoli regolatorji sinifikanti li jeżistu għas-suq wieħed tax-xogħol,** inkluża l-insuffiċjenza tal-għarfien u l-komparabilità tal-kwalifiki u restrizzjonijiet ewlenin dwar il-portabilità tal-pensjonijiet u l-benefiċċji soċjali. It-tneħħija ta' dawn l-ostakoli se tikkomplementa l-isforzi tal-Istati Membri li jiffaċilitaw użu aħjar ta' ħiliet u jeliminaw l-iżbilanċ fit-tqabbil tal-ħiliet.

Il-Kummissjoni pproponiet li tissimplifika l-kriterji għas-sostenn tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-pagamenti bil-quddiem bikri mill-2009, biex l-Istati Membri jkollhom aċċess qabel sa EUR 1,8 biljun sabiex: isaħħu bilġri skemi ta' attivazzjoni, jiffukaw mill-ġdid il-programmi tagħhom biex jikkonċentraw is-sostenn fuq dawk li huma l-aktar esposti, u jtejbu s-sorveljanza u t-tqabbil tal-ħiliet. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li mill-ġdid tara r-regoli tal-**Fond ta' Aġġustament Ewropew għall-Globalizzazzjoni** biex tkun tista' tintervjeni aktar malajr f'setturi ewlenin, jew biex tikkofinanzja l-kollokamenti ta' taħriġ u impjieg għal dawk li jiġu qiegħda jew biex iżżomm fis-suq tax-xogħol ħaddiema ta' ħila li jkun hemm ħtieġa għalihom ġaladarba l-ekonomija tibda tieħu r-ruħ.

**Għan Nru 2: Il-Kummissjoni se tagħmel proposti għal politika komuni dwar l-immigrazzjoni fl-2008.**

Il-Kummissjoni diġà għamlet proposti ta' bidu, b'mod partikolari dwar migranti bi kwalifiki għolja li jiġu fl-UE permezz tal-iskema tal-"karta blu". Kif stabbilit fil-Komunikazzjoni 'Politika Komuni ta' Immigrazzjoni għall-Ewropa: Prinċipji, azzjonijiet u għodda[1] tas-17 ta' Ġunju 2008 (COM/2008/359), il-Kummissjoni se tagħmel aktar proposti fl-2009, li jkopru regoli għal nies ittrasferiti bejn il-kumpaniji, ħaddiema staġunali u nies fuq taħriġ imħallas. Dawn huma l-ewwel passi lejn politika komuni dwar l-immigrazzjoni li twieġeb aħjar għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tal-UE, minkejja li hemm lok għal aktar progress sostanzjali. Il-Kummissjoni tilqa' l-intenzjoni tal-Kunsill li jadotta sa Mejju tal-2009 l-**Iskema tal-Karta Blu biex jiġbed il-ħaddiema ta' ħila għolja** billi hija kwistjoni ta' prijorità.

## 2.2. Ir-realizzazzjoni tal-potenzjal tan-negozju, speċjalment tal-SMEs

**<u>Għan Nru 3:</u> Il-Komunità se tadotta Att dwar in-Negozji ż-Żgħar biex tirrealizza l-potenzjal għat-tkabbir tal-SMEs matul iċ-ċiklu ta' ħajjithom.**

Il-Kummissjoni pproponiet "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" f'Ġunju 2008 u għamlet proposti konkreti għal miżuri fil-livell tal-UE u dak nazzjonali biex tagħti appoġġ lill-SMEs matul iċ-ċiklu ta' ħajjithom. L-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar irċieva appoġġ sħiħ mill-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew. B'mod partikolari, kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Kunsill għarfu l-ħtieġa li jġibu 'l quddiem l-implimentazzjoni biex iżjed jgħinu l-SMEs ilaħħqu mal-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali u ressqu Pjan ta' Azzjoni li ġie approvat mill-Kunsill. L-**implimentazzjoni tal-Att dwar in-Negozju ż-Żgħir** għandu jirċievi l-ogħla prijorità politika fil-livelli kollha fl-Istati Membri u fil-livell tal-Komunità. Barra minn hekk, l-adozzjoni fil-ħin tal-proposti leġiżlattivi dwar l-istatut Ewropew għall-kumpaniji privati, rati tal-VAT imnaqqsa għas-servizzi b'intensità ta' xogħol, u l-modifika tad-direttiva dwar il-ħlas b'dewmien li l-Kummissjoni se tippreżenta fi Frar 2009 issa jħollu u jorbtu. Barra minn hekk, jinħtieġu b'mod urġenti inizjattivi għal aktar **simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju** u għal titjib fl-aċċess tal-SMEs għall-finanzi (ara għan 7 hawn taħt). Għalhekk, il-Kummissjoni se tipproponi li jitneħħa r-rekwiżit li l-**mikro-impriżi** jħejju kontijiet annwali (l-istima ta' flus iffrankati għal dawn il-kumpaniji hija ta' EUR 7bn fis-sena) u jiġu limitati r-rekwiżiti ta' kapital tal-kumpanija privata Ewropea għal euro wieħed. Hija tħeġġeġ ukoll l-awtoritajiet pubbliċi kollha biex jaċċettaw l-e-fatturazzjoni bħala ekwivalenti għall-fatturazzjoni fuq il-karta. Fl-aħħar nett dwar aċċess għall-finanzi, il-Bank Ewropew għall-Investiment żied il-pakkett tiegħu ta' investiment għal self lill-SMEs għal EUR 30 bn matul l-2008-2011 u se jimplimenta bil-quddiem biex jiżgura li s-self il-ġdid u l-garanziji ta' self għall-SMEs isiru disponibbli mal-Komunità kollha.

**<u>Għan Nru 4 :</u> Il-Komunità se timxi lejn il-mira li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi tal-UE b'25 % sa l-2012 u timplimenta programm ta' simplifikazzjoni ambizzjuż.**

Il-Kummissjoni se tagħmel kull sforz biex tippreżenta l-proposti meħtieġa biex tinqata' l-burokrazija żejda u tnaqqas il-piż amministrattiv għan-negozju b'25 % qabel tmiem il-mandat tagħha. Din il-ħidma tikkomplementa l-isforzi tal-Istati Membri li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi b'25 % sal-2012. Sal-aħħar ta' Novembru 2008, 20 Stat Membru waqqfu miri ta' tnaqqis nazzjonali. Il-Kummissjoni tat lilha nnifisha aġenda ta' ħidma li hija mingħajr preċedent fl-ambitu u l-fond tagħha. Hija identifikat u qieset il-kost tal-ħtiġijiet ta'

[1] COM(2008) 359

informazzjoni li jiġu mit-42 att legali tal-UE fi 13-il qasam ta' prijorità li jirriżultaw f'aktar minn 5 000 obbligu individwali fil-livell tal-Istat Membru. Fl-2008 l-Kummissjoni pproponiet 11-il Azzjoni bi Prijorità biex jonqsu l-piżijiet amministrattivi fl-2008 li jfissru aktar minn EUR 1 biljun għan-negozji Ewropej. Fl-2009, il-Kummissjoni se tippreżenta proposti addizzjonali ta' tnaqqis ta' piż ibbażati fuq kontribut sostanzjali tal-partijiet interessati. B'mod partikolari, il-ħidma se tkompli wkoll tnaqqas l-ispejjeż ta' konformità li ġejjin mill-frammentazzjoni fiskali tas-suq intern l-aktar għall-SMEs.

Fil-programm ta' Simplifikazzjoni biex ***tiġi aġġornata u ssimplifikata l-leġiżlazzjoni tal-Komunità***, il-Kummissjoni adottat 119-il proposta minn Ottubru 2005 'il hawn. Minn dawn, 48 għadhom pendenti quddiem il-leġiżlatura. L-iffiltrar tal-leġiżlazzjoni kollha attwali se jintemm sa tmiem il-mandat tal-Kummissjoni. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni diġà ppreżentat madwar 770 att legali għal revoka, modifika jew sostituzzjoni. L-**adozzjoni rapida tas-simplifikazzjoni, il-proposti ta' Azzjoni bi Prijorità u l-proposti biex jonqos il-piż amministrattiv** mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jibqgħu prijorità biex jiġi żgurat li n-negozji Ewropej u ċ-ċittadini jgawdu minn ambjent regolatorju aktar effettiv.

<u>**Għan Nru 5:**</u> **Il-Komunità se ssaħħaħ is-suq waħdieni, żżid il-kompetizzjoni fis-servizzi, tieħu aktar passi biex tintegra s-suq tas-servizzi finanzjarji, u se ssaħħaħ l-arranġamenti ta' sorveljanza attwali u ttejjeb il-ġestjoni tal-kriżi finanzjarja transkonfinali tal-UE.**

Servizzi

Il-Komunità teħtieġ tiżgura li s-suq waħdieni għas-settur tas-servizzi jsir realtà biex tistimula l-kompetizzjoni u żżid l-effikaċja. **L-implimentazzjoni tad-direttiva dwar is-Servizzi,** komprensiva u f'waqtha, mill-Istati Membri sal-iskadenza ta' Diċembru 2009 hija prijorità biex jiġi ffaċilitat it-twaqqif ta' fornituri ta' servizzi transkonfinali. Dan se jtejjeb l-aċċess għas-suq għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs u jżid l-għażla għall-konsumaturi.

Il-Komunità għandha **ssaħħaħ il-politika ta' suq waħdieni, il-politika tal-konsumatur u l-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni** b'mod partikolari f'għadd ta' industriji u servizzi ewlenin ta' netwerk inklużi s-servizzi postali, il-gass/elettriku, il-ferrovija, is-servizzi finanzjarji, il-komunikazzjonijiet elettroniċi, u l-industriji tal-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa, filwaqt li tiżgura l-provvista ta' servizzi ta' interess ġenerali.

Prodotti

Il-Kunsill dan l-aħħar adotta l-**Pakkett dwar il-Merkanzija** li jinkludi miżuri li jindirizzaw livelli ta' sikurezza tal-prodotti armonizzati u regoli aġġornati dwar is-sorveljanza tas-suq kif ukoll miżuri li jsaħħu r-rekwiżiti ta' ttikkettjar CE. L-implimentazzjoni tal-Pakkett dwar il-Merkanzija se jagħti spinta ġdida lill-produzzjoni u l-kummerċ fil-prodotti u permezz tagħha se jkun eħfef għall-kumpaniji kollha li jbigħu l-prodotti tagħhom fl-UE kollha filwaqt li l-konsumatur se jkollu ħarsien aħjar. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bdiet ħidma fuq il-monitoraġġ tas-suq tal-katina tal-provvista tal-ikel, il-kummerċ ta' bejgħ bl-imnut, u prodotti elettriċi u se testendi din il-ħidma għal setturi oħra. L-ewwel tabella tal-konsumatur ġiet ippubblikata u se jingħata bidu għal sorveljanza regolari tal-prezzijiet għall-konsumatur l-ewwel bl-ikel imbagħad l-enerġija. Is-**segwitu ta' dawn l-azzjonijiet ta' sorveljanza tas-suq u sorveljanza tal-konsumatur** hija prijorità. Il-ħidma se tissokta biex jiġu żgurati l-istandardizzazzjoni f'waqtha u l-isforzi ta' interoperabilità, speċjalment għall-prodotti u servizzi ICT.

Is-superviżjoni finanzjarja transkonfinali u l-ġestjoni tal-kriżi

L-istabilità finanzjarja hija ta' importanza ewlenija għat-tkabbir u l-impjiegi kif jidher mill-kriżi finanzjarja attwali. L-UE tħarket fil-pront biex iġġib lura l-fiduċja fis-suq, issaħħaħ ir-resistenza tas-settur finanzjarju u ttaffi l-impatt negattiv tal-kriżi fuq l-ekonomija reali. Biex tiżdid ir-reżistenza tas-sistema finanzjarja, il-Kummissjoni daħlet għal għadd ta' miżuri: Il-kumitati fil-livell tal-Komunità għas-sorveljanza transkonfinali tal-istituzzjonijiet u s-swieq finanzjarji ġew imsaħħa u l-ġejjieni tas-sorveljanza mal-KE kollha qed tiġi eżaminat mid-de Larosière High-Level Group, inkluż it-tqassim ta' doveri u responsabbiltajiet bejn il-livell nazzjonali u dak tal-UE. Il-Kummissjoni dan l-aħħar adottat għadd ta' **miżuri ewlenin biex issaħħaħ il-qafas leġiżlattiv tal-UE** inklużi emendi fid-Direttivi dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital u d-Direttiva dwar l-Iskemi ta' Depożitu ta' Garanzija, tibdil fir-regoli ta' kontabilità (Regolament IAS) u proposta għal regolament dwar l-Aġenziji tal-Klassifika tad-Debituri. Dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati mill-Istituzzjonijiet Ewropej fuq bażi ta' prijorità. Qiegħed isir ukoll xogħol biex jiġu **żviluppati proposti ġodda li għandhom l-għan li jtaffu r-riskji mid-derivati u l-credit default swaps.** Il-Komunità qiegħda tieħu sehem attiv fil-G20 u fora oħra internazzjonali biex **ittejjeb il-kooperazzjoni globali dwar is-sorveljanza finanzjarja u l-ġestjoni tal-kriżi.** Fir-rebbiegħa tal-2009, il-Kummissjoni se tippreżenta **pakkett komprensiv ta' miżuri ta' politika għal riforma tas-settur finanzjarju tal-UE** b'riżultat tal-kriżi finanzjarja.

Servizzi finanzjarji

L-iskema ta' trasferiment ta' kreditu taż-Żona Unika ta' Ħlasijiet bl-Euro tnediet fl-2008, filwaqt li l-Kummissjoni pprovdiet bil-quddiem kjarifiki dwar kwistjonijiet ta' kompetizzjoni b'mod partikolari għall-ħlas u karti ta' kreditu u debitu dirett. Madankollu, il-**qafas uniku għas-swieq ta' bejgħ bl-ingrossa u l-investiment għad jonqsu li jitkompla u li jiġi implimentat** fuq bażi ta' prijorità. Il-Kummissjoni se tkompli bl-istħarriġ tas-settur rigward il-**banek ġenerali** u l-assikurazzjoni tan-negozju.

## 2.3. Investiment fl-għarfien u fl-innovazzjoni

**<u>Għan Nru 6:</u> Il-Komunità se tagħmel realtà l-"ħames libertà", il-moviment ħieles tal-għarfien, u se toħloq Żona ta' Riċerka Ewropea ġenwina.**

Sabiex din il-"ħames libertà" ssir realtà u tinħoloq **Żona ta' Riċerka Ewropea** (ŻRE) kompetittiva, f'Mejju 2008 l-Kunsill nieda l-"Proċess ta' Ljubljana"[2] ta' governanza mtejba u qabel ma' viżjoni ŻRE fuq medda twila ta' żmien. Il-viżjoni ssaħħaħ l-għan tat-twettiq tal-"ħames libertà" li fuqu l-Kummissjoni beħsiebha twettaq skrining komprensiv tal-politika tal-Komunità biex jitneħħew l-ostakoli għall-ksib ta' dan l-għan. It-twettiq taż-ŻRE hija parti integrali biex l-Ewropa ssir ekonomija u soċjetà minn ta'quddiem għal dak li huwa għarfien u biex jissaħħaħ it-"trijangolu tal-għarfien" ta' riċerka, innovazzjoni u edukazzjoni. Dan jinvolvi diskussjonijiet politiċi ta' livell għoli u tmexxija tal-aġenda politika inkluża l-implimentazzjoni tal-ħames inizjattivi ta' sħubija taż-ŻRE mnedija mill-Kummissjoni fl-2008.

B'ħarsitna 'il quddiem, **aktar qsim ta' riżorsi ta' riċerka** ma' u bejn l-Istati Membri fuq bażi ta' ġeometrija varjabbli se jiġi ffaċilitat bl-inizjattiva dwar ipprogrammar ta' riċerka konġunta

2 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Mejju 2008 (9076/08).

u bl-adozzjoni mill-istituzzjonijiet ta' qafas legali għall-ħolqien u t-tħaddim ta' infrastrutturi ta' riċerka pan-Ewropea[3]. Il-flussi tal-għarfien, l-effiċjenza tar-riċerka u l-ġibda li toffri l-Ewropa bħala post għar-riċerka se jitjiebu permezz tal-implimentazzjoni tas-**Sħubija tar-Riċerkaturi Ewropej,** bis-saħħa tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tal-proprjetà intellettwali f'attivitajiet ta' trasferiment tal-għarfien[4], u permezz ta' azzjonijiet addizzjonali li jikkomplementaw l-isforzi tal-Istati Membri biex isaħħu u jirriformaw is-settur tal-edukazzjoni ogħla u jiffaċilitaw in-netwerking u l-kooperazzjoni mtejba bejn l-universitajiet, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u n-negozju. Bis-saħħa tal-implimentazzjoni tal-**Qafas Strateġiku Ewropew għall-kooperazzjoni internazzjonali fix-xjenza u t-teknoloġija, iż-ŻRE se ssir aktar miftuħa u** se żżid l-influwenza internazzjonali tal-UE u l-Istati Membri fuq pajjiżi terzi ewlenin li qegħdin fi sħubija u fuq l-ekonomija globali.

It-twaqqif tal-**Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija**, istitwit formalment f'April 2008 biex iwaħħad l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, hija inizjattiva strateġika ewlenija f'dan ir-rigward. Dan se jsir mudell għall-**promozzjoni tal-innovazzjoni u l-qsim tal-għarfien bil-miftuħ bejn l-organizzazzjonijiet ta' riċerka pubbliċi u l-industrija**.

<u>Għan Nru 7:</u> **Il-Komunità se ttejjeb il-kundizzjonijiet ta' qafas għall-innovazzjoni, b'mod partikolari għall-kapital ta' riskju u d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.**

Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli għall-iffinanzjar tal-innovazzjoni tibqa' prijorità ewlenija biex ikun aktar faċli li jinħolqu ma' kullimkien SMEs ta' innovazzjoni ta' livell għoli, speċjalment fil-kriżi finanzjarja attwali. Hemm xhieda li l-SMEs b'mod partikolari jinsabu f'qagħda ta' tbatija minħabba n-nixfa ta' kreditu. **It-titjib fid-dispożizzjoni għall-investiment u l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs** iħollu u jorbtu. Il-Programm ta' Qafas dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni tal-Kummissjoni 2007-2013 se jagħti sehem biex jingħalaq id-defiċit ta' kapital fl-istadju bikri u ta' espansjoni permezz tal-Faċilità Innovattiva u ta' Tkabbir fuq Skala Għolja tal-SMEs, kif ukoll biex jingħata sostenn għall-provvista ta' kapital ta' self, mikrokreditu u fondi mezzanini lill-SMEs permezz tal-Faċilità ta' Garanzija tal-SMEs. Bl-istess mod, l-għodda ta' inġinerija finanzjarja u għajnuna teknika disponibbli skont il-Politika ta' Koeżjoni tkompli tiffaċilita l-bidu ta' negozji u l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs. Barra minn hekk, il-Bank Ewropew għall-Investiment ta mandat lill-Fond Ewropew tal-Investiment biex jiżviluppa strument ta' finanzjament mezzanin ġdid. Il-Kummissjoni ressqet Komunikazzjoni dwar l-investimenti transkonfinali permezz ta' fondi kapitali ta' riskju[5] u qed tissokta taħdem mill-qrib mal-Istati Membri fuq bażi ta' prijorità biex tagħmel pass 'il quddiem lejn il-ksib ta' **għarfien reċiproku ta' oqfsa nazzjonali għall-fondi kapitali ta' riskju** u t-tneħħija tal-ostakoli regolatorji u fiskali attwali.

Is-sistema tal-privattivi fl-UE għadha ssoffri minn frammentazzjoni li tiswa l-flus u hija ta' piż u li tfixkel it-trasferiment u t-tixrid tal-għarfien u l-innovazzjoni mal-UE kollha. In-negozjar interistituzzjonali dwar il-**Privattivi tal-Komunità u s-sistema dwar il-litigazzjoni**

---

[3] Fuq il-bażi tal-proposta għal Regolament tal-Kunsill COM(2008) 467 "Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-qafas legali tal-Komunità għal Infrastruttura ta' Riċerka Ewropea (IRE)".

[4] Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni: dwar il-ġestjoni tal-proprjetà intellettwali f'attivitajiet ta' trasferiment ta' għerf u l-Kodiċi ta' Prassi għall-universitajiet u organizzazzjonijiet oħra ta' riċerka pubblika - COM(2008) 1329.

[5] "It-tneħħija tal-ostakoli għal investimenti trans-konfinali permezz ta' fondi kapitali ta' riskju", Diċembru 2007.

**tal-privattivi** għandha tiġi finalizzata fuq bażi ta' prijorità biex jonqsu l-ispejjeż tal-privattivi, tingħata aktar ċertezza legali u biex il-privattivi jsiru aktar aċċessibbli għall-SMEs.

## 2.4. Enerġija u bidla fil-klima

**Għan Nru 8: Il-Komunità se tlesti s-suq intern għall-enerġija u se taddotta l-pakkett dwar il-bidla fil-klima biex tħejji l-qafas biex jinkiseb tal-inqas tnaqqis ta' 20 % fl-emissjonijiet tal-gass minħabba l-effett tas-serra u tilħaq sehem ta' enerġija li tiġġedded ta' 20 % sal-2020.**

L-adozzjoni tal-pakkett għat-**tlestija tas-suq intern tal-enerġija** mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill (mistennija sa nofs l-2009) hija prijorità ewlenija. Miżuri ewlenin ta' appoġġ jinkludu l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Sikurezza tal-Enerġija u s-Solidarjetà tal-UE li jfassal ħames oqsma fejn jeħtieġ aktar azzjoni biex jinkisbu provvisti sostenibbli ta' enerġija filwaqt li jingħata sostenn għall-proposti dwar il-bidla fil-klima għall-2020. Strument ġdid dwar is-Sikurezza tal-Enerġija u l-Infrastruttura tal-UE se jitressaq ukoll mill-Kummissjoni biex jinġiebu 'l quddiem proġetti ta' infrastruttura fi ħdan l-UE u lilhinn minnha sabiex tiġi żgurata l-kisba tal-għanijiet tal-enerġija li tiġġedded tal-UE u tkun garantita s-sikurezza tal-UE tal-provvista tal-enerġija.

Il-ħidma biex jinkiseb suq intern għall-enerġija hija kkomplementata minn sforzi biex isir titjib tal-effettività fl-infiq fl-iskema għall-iskambju tal-emissjonijiet biex ikun żgurat li jintlaħqu l-miri għall-2020 tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gass minħabba l-effett tas-serra u minn qafas Komunitarju għall-iżvilupp b'infiq effettiv tal-enerġiji li jiġġeddu biex jintlaħaq is-sehem ta' enerġija li tiġġedded ta' 20 % sal-2020. Wara l-ftehim tal-Kunsill Ewropew dwar il-pakkett tal-Bidla fil-klima u l-enerġija li tiġġedded , l-adozzjoni ta' dan mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill hija issa qrib.

**Għan Nru 9: Il-Komunità se ġġib 'il quddiem politika industrijali mixħuta lejn produzzjoni u konsum aktar sostenibbli, li tikkonċentra fuq l-enerġiji li jiġġeddu u prodotti, servizzi u teknoloġiji b'karbonju baxx u li jagħmlu użu effiċjenti tar-riżorsi.**

F'Lulju 2008, il-Kummissjoni ppreżentat **pakkett ta' azzjonijiet għall-konsum, produzzjoni u industrija sostenibbli** (PKS/PIS) ambizzjuż. Hija timmira li ttejjeb il-prestazzjoni ambjentali u b'mod partikolari l-effiċjenza enerġetika tal-prodotti u tħeġġeġ it-tressiq tagħhom fis-suq b'azzjonijiet volontarji u obbligatorji li jiddefinixxu u jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, tinforma aħjar lill-konsumaturi, ittejjeb l-inċentivi fiskali u tax-xiri pubbliku. Hija għandha f'moħħha Skema ta' Verifika tat-Teknoloġija Ambjentali biex tappoġġja l-eko-innovazzjoni permezz ta' aktar fiduċja fit-teknoloġiji l-ġodda.

Fl-2008, il-Kummissjoni pproponiet **Pakkett dwar l-Effiċjenza tal-Enerġija** biex tagħti sehemha biex jintlaħaq l-għan tal-UE ta' ffrankar tal-enerġija ta' 20 % sal-2020. Hija kkonċentrat fuq it-titjib fil-leġiżlazzjoni dwar il-prestazzjoni enerġetika tal-bini u dwar l-ittikkettjar tal-konsum ta' enerġija kif ukoll l-intensifikazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttivi tal-ekodisinn u l-koġenerazzjoni b'impatt sostanzjali fuq il-konsum tal-enerġija u s-sikurezza tal-enerġija tal-Ewropa. Barra minn hekk, Inizjattiva ġdida dwar l-Iffinanzjar tal-Enerġija Sostenibbli qed titħejja flimkien mal-Bank Ewropew għall-Investiment u organizzazzjonijiet finanzjarji oħra għall-mobilizzazzjoni tal-iffinanzjar mis-swieq tal-kapital fuq skala kbira għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika kif ukoll l-enerġiji li jiġġeddu.

Barra dan, il-Kummissjoni pproponiet emenda tar-regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali biex jista' jkun hemm investiment fit-titjib tal-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġiji li jiġġeddu fid-djar fl-Istati Membri kollha.

L-**Inizjattiva tas-suq gwida** ġiet adottata mill-Kummissjoni f'Diċembru 2007 biex tħeġġeġ swieq ġodda permezz tal-implimentazzjoni ta' strateġiji mmirati f'oqsma bħall-kostruzzjoni sostenibbli, ir-riċiklaġġ, prodotti bio-bażati u enerġija li tiġġedded. Il-Pjan Ewropew dwar it-Teknoloġija tal-Enerġija Strateġika (Pjan TES), approvat mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew fl-2008, bil-ħsieb ta' Komunikazzjoni dwar l-iffinanzjar tiegħu li jiġi adottat fl-2009 se jgħaġġel l-iżvilupp u t-tressiq fis-suq tat-teknoloġiji meħtieġa b'vantaġġ fuq ħaddieħor li jiddependu anqas fuq il-faħam u se jagħti spinta lill-kompetittività tal-industrija tal-enerġija tal-UE.

Ir-reviżjoni tad-direttiva dwar it-taxxa fuq l-enerġija li titnieda mill-Kummissjoni fil-bidu tal-2009 għandha l-għan li tiżgura li t-taxxa fuq l-enerġija tkun strument ta' infiq effettiv u ta' aktar sostenn u se tipprovdi lill-Istati Membri b'qafas komplementari għall-iskema tal-iskambju tal-emissjonijiet tal-UE. Il-proposta assoċjata għal **rati tal-VAT imnaqqsa għal prodotti u servizzi li ma jniġġsux** għandha tkun adottata fuq bażi ta' urġenza.

## 3. L-AĠENDA ESTERNA

**<u>Għan Nru 10:</u> Hija u taħdem biex iġġib fi tmiem in-negozjati multilaterali ta' Doha dwar il-kummerċ, il-Komunità se tinnegozja b'mod bilaterali mal-imsieħba kummerċjali ewlenin biex tiftaħ opportunitajiet ġodda għall-kummerċ internazzjonali u l-investiment, ittejjeb l-aċċess għas-suq billi tikkonċentra fuq pajjiżi u setturi fejn għad hemm ostakoli sinifikanti, u ġġib 'il quddiem il-kooperazzjoni regolatorja internazzjonali.**

Fid-dawl tal-kundizzjonijiet ekonomiċi attwali, huwa dejjem iktar importanti li l-politika kummerċjali tirsisti biex ma tħallix li jkun hemm miżuri protezzjonisti mill-imsieħba tagħna li jistgħu jimminaw il-kompetittività tal-Unjoni fuq medda twila ta' żmien. Minkejja sfidi bla waqfien biex jintlaħaq ftehim, il-konklużjoni b'wiċċ il-ġid tar-rawnd ta' Doha tibqa' l-aqwa mod biex jinkisbu kundizzjonijiet ġusti u jinfetħu opportunitajiet ġodda ta' suq, u l-Komunità għadha bl-impenn sħiħ li tilħaq dan il-għan. Wara l-laqgħa tal-G-20 f'Novembru, il-Kapijiet ta' Stat u Gvern ġeddew l-impenn tagħhom biex iġibu fi tmiem b'wiċċ il-ġid in-negozjati ta' Doha. Fejn għad hemm ostakoli sinifikanti ta' aċċess għas-suq, l-użu tar-regolament dwar l-ostakoli għall-kummerċ tal-Komunità u/jew l-azzjoni tad-WTO jitqiesu jew se jitqiesu bħala xierqa.

B'mod parallel, il-Komunità tkompli timpenja ruħa b'mod bilaterali ma' msieħba kummerċjali ewlenin, u biex aktar ġġib 'il quddiem l-integrazzjoni ekonomika reġjonali mar-reġjuni ġirien tagħha, pereżempju permezz tal-Unjoni għall-Mediterran u l-politika ta' tkabbir. **Ftehimiet komprensivi bilaterali ma' msieħba kummerċjali ewlenin** jippermettu lill-UE tmur lilhinn mill-impenji tad-WTO u tinkludi dispożizzjonijiet ambizzjużi għall-kooperazzjoni regolatorja u lilhinn mill-fruntiera. In-negozjati mal-Korea ta' Isfel, l-Indja u l-pajjiżi tal-Asean mixjin 'il quddiem, minkejja li b'pass differenti bħan-negozjati mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf u l-Ukraina. Il-Ftehim dwar Sħubija u Kooperazzjoni li qed jiġi nnegozjat maċ-Ċina għandu l-għan li jtejjeb l-aċċess għas-suq u l-kooperazzjoni regolatorja. Barra minn hekk, in-negozjati attwali għal ftehimiet ta' assoċjazzjoni mal-Mercosur, il-

